— Interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament Nru 207/2007 fl-evalwzzjoni tal-probabbiltà ta’ konfużjoni fost is-sinjali pparagunati.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta’ Diċembru 2015 – BikeWorld vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-702/15)**

(2016/C 068/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* BikeWorld GmbH (St. Ingbert, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Jovy, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Ottubru 2014, sa fejn ir-rikorrenti hija prevista minn din id-deċiżjoni;

— tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, fir-rigward tar-rikorrenti, tad-deċiżjoni sakemm tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors (Artikolu 278 TFUE).

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3634 finali, tal-1 ta’ Ottubru 2014, dwar għajnuna mill-Istat tal-Ġermanja favur Nürburgring (SA.31550 [2012/C] ex 2012/NN])

Inostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka essenzjalment il-motivi li ġejjin:

1. Ir-rikorrenti ma hijiex identika għall-partijiet fil-proċediment tad-deċiżjoni. Konsegwentement, hija ma tistax tiġi azzjonata ġudizzjarjament.

2. Ir-rikorrenti ma pparteċipatx fil-proċediment li wassal għad-deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, inkiser id-dritt għal smigħ tagħha.

3. Is-soċji attwali tar-rikorrenti ma għandhomx l-inqas rabta mas-soċji/proprjetarji inizjali fiż-żmien tal-għoti tas-self.

4. L-għan imfittex mill-irkupru, jiġifieri “li jiġu evitati vantaġġi kompetittivi favur persuna waħda” ma jistax jintlaħaq mid-deċiżjoni, peress li r-rikorrenti ma hija f’kompetizzjoni ma’ ħadd u hija lanqas ma kienet f’kompetizzjoni sa mill-aħħar għoti ta’ self.

5. Ir-rikorrenti ddikjarat ruħha disposta li tgħaddi għall-istralċjar u għax-xoljiment tagħha jekk dan ikun neċessarju sabiex tiġi evitata insolvenza imminenti li tkun inevitabbli jekk ir-rikorrenti jkollha tagħmel kwalunkwe ħlas fuq il-bażi ta’ rkupru.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Novembru 2015 – Micula *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-704/15)**

(2016/C 068/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Viorel Micula (Oradea, ir-Rumanija), European Drinks SA (Ştei, ir-Rumanija), Rieni Drinks SA (Rieni, ir-Rumanija), Transilvania General Import-Export SRL (Oradea), West Leasing International SRL (Pantasesti, ir-Rumanija) (rappreżentanti: J. Derenne, A. Dashwood, D. Vallindas, lawyers